

32004D0679

7.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 310/75

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Ottubru 2004

li temenda d-Deċiżjoni 2004/630/KE li tapprova l-programmi għall-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ ta' l-Istati Membri għall-influenza ta' l-għasafar fit-tiġieġ u l-għasafar selvaġġi matul l-2004, u li tniżżel regoli ta' rappurtaġġ u ta' eleggibilità għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni ta' dawk il-programmi

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3607)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/679/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar infiq fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE taħseb għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għat-teħid ta' miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġislażzjoni veterinarja tal-Komunità u għall-edukazzjoni jew taħriġ veterinarju.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/111/KE ⁽²⁾ taħseb għall-implimentazzjoni fl-2004 ta' sħarriġ għall-influenza ta' l-għasafar fit-tiġieġ u fl-għasafar selvaġġi fl-Istati Membri, bil-kondizzjoni li l-pjanijiet ta' sħarriġ ikunu approvati mill-Kummissjoni; dan l-istħarriġ għandu jinvestiga l-presenza ta' infezzjonijiet fit-tiġieġ, li jistgħu jwasslu għal reviżjoni tal-leġislażzjoni u jikkontribwixxu għall-għarfien tat-theddid possibbli li jista' jkun hemm mill-ħajja selvaġġja għall-annimali u l-bnedmin.
- (3) Programmi mressqa mill-Istati Membri ġew eżaminati mill-Kummissjoni fil-konfront tal-linji gwida stabbiliti bid-Deċiżjoni 2004/615/KE ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2004/111/KE dwar l-implimentazzjoni ta' sħarriġ li għandu jsir matul l-2004 fl-Istati Membri għall-influenza ta' l-għasafar fit-tiġieġ u fl-għasafar selvaġġi, u nstab li huma konsistenti ma' dawk il-linji gwida.
- (4) Fid-dawl tad-diffikultajiet esperjenzati bl-implimentazzjoni għall-ewwel darba ta' dawn il-programmi l-Istati Membri Ġodda ingħataw data ta' skadenza estiża għas-sottomissjoni tal-programmi tagħhom.

- (5) Il-programmi ta' l-Istati Membri mressqa diġà ġew approvati b'mod individwali bid-Deċiżjoni 2004/630/KE ⁽⁴⁾ u mogħtija kontribuzzjoni finanzjarja.
- (6) Il-programmi mressqa issa mill-Istati Membri Ġodda ġew eżaminati u nstab li huma konsistenti mal-linji gwida stabbiliti u għandhom għalhekk ikunu approvati.
- (7) Id-Deċiżjoni 2004/630/KE għandha għalhekk tkun emendata sabiex tapprova l-programmi individwali mressqa mill-Istati Membri Ġodda; madankollu fid-dawl ta' l-esperjenzi mirbuħa matul epidemiji reċenti kbar ta' l-influenza ta' l-għasafar għandha ssir allokkazzjoni mill-għid tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità.
- (8) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/630/KE huwa mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 32, tal-5.2.2004, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 278, tat-27.8.2004, p. 59.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, tat-8.9.2004, p. 7.

ANNEX

"ANNEX I

Programmi ta' l-Istati Membri għal sħarriġ dwar l-influenza ta' l-għasafar fit-tiġieġ u fl-għasafar selvaġġi

Kodiċi	Stat Membru	Perijodu	Ammont massimu għall-ko-finanzjament (€)
AT	L-Awstrija	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	10 800,00
BE	Il-Belġju	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	11 700,00
CY	Ċipru	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	—
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	3 600,00
DE	Il-Ġermanja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	78 500,00
DK	Id-Danimarka	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	72 600,00
EE	L-Estonja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	2 600,00
EL	Il-Greċja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	15 700,00
ES	Spanja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	34 300,00
FI	Il-Finlandja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	40 500,00
FR	Franza	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	148 900,00
HU	L-Ungerija	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	7 800,00
IE	L-Irlanda	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	32 300,00
IT	L-Italja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	192 000,00
LT	Il-Litwanja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	4 200,00
LU	Il-Lussemburgu	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	1 900,00
LV	Il-Latvja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	2 500,00
MT	Malta	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	1 700,00
NL	L-Olanda	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	148 000,00
PL	Il-Polonja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	32 000,00
PT	Il-Portugal	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	18 700,00
SE	L-Iżvezja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	28 500,00
SK	Is-Slovakkja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	9 700,00
SI	Is-Slovenja	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	5 500,00
UK	Ir-Renju Unit	mill-15 ta' Marzu 2004 – sal-15 ta' Marzu 2005	85 600,00
Total			989 600,00"